**Ruling mogħti mill-Ispeaker Anġlu Farrugia fis-Seduta 315 tal-24 ta' Frar 2025 dwar talba tal-Kap tal-Oppożizzjoni għall-aġġornament tal-Kamra taħt l-Ordni Permanenti 13**

Is-Sedja kkonsidrat it-talba tal-Kap tal-Oppożizzjoni, l-Onor. Bernard Grech, sabiex il-Kamra tissospendi x-xogħol tagħha skont l-Ordni Permanenti 13 ħalli tiddiskuti l-materja msemmija fid-dikjarazzjoni ppreżentata mill-Onorevoli Membru u nikkwota:

> "Sur President,
>
> Qed inressaq talba skont l-Ordni Permanenti 13 sabiex il-Kamra taġġorna biex tiddiskuti ħaġa definita ta' importanza pubblika urġenti, u kif ukoll materja ta' theddida għas-sigurtà nazzjonali.
>
> Il-ħaġa definita li qed nitlob li l-Kamra taġġorna biex tiddiskuti hija s-serqa ta' 200 kilogramma droga mill-kustodja tal-Forzi Armati ta' Malta – u dana kif ammetta pubblikament l-istess Ministru li hu responsabbli politikament għal dak li seħħ, il-Ministru Byron Camilleri.
>
> Illi fi stqarrija ppubblikata lbieraħ, 23 ta' Frar 2025, il-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà u x-Xogħol, Byron Camilleri ammetta illi droga li kienet inqabdet fil-Freeport f'Ġunju tal-2024 – u li allegatament tammonta għal madwar 200 kilogramma – insterqet

minn container li kien qiegħed jinżamm fi proprjetà tal-Armata.

Illi dan hu każ ta' importanza nazzjonali – fejn saħansitra anke l-istess Ministru Byron Camilleri ammetta l-gravità tal-każ, tant illi offra r-riżenja tiegħu – iżda l-Prim Ministru Robert Abela, kontra l-interess tal-pajjiż, irrifjuta tali offerta ta' riżenja.

Saħansitra, minħabba l-gravità tal-każ ġie sospiż il-Brigadier tal-Forzi Armati ta' Malta – iżda l-ebda politiku, sa dan il-mument, għadu ma ġarr ir-responsabbiltà politika għal serqa ta' 200 kilogramma droga.

Għalhekk illum f'pajjiżna hawn 200 kilogramma ta' droga fis-suq – lesta biex tiġi traffikata u tkompli tiggrava l-pjaga tad-droga u tkisser lill-vittmi u lill-familji tagħhom.

Illi dan l-aġir tal-Prim Ministru Robert Abela li jirrifjuta r-riżenja tal-Ministru tal-Gvern li hu politikament responsabbli għal dan kollu jammonta għal nuqqas gravi ta' responsabbiltà mill-Prim Ministru nnifsu u mill-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà u x-Xogħol Byron Camilleri.

Illi issa għandna Prim Ministru li mhux biss qiegħed jiddefendi dak li hu indifensibbli, iżda li qiegħed jikkundanna lill-Gvern sħiħ tiegħu responsabbli għal din is-serqa.

> Din hija kwistjoni ta' importanza pubblika urġenti, u tammonta għal theddida tas-sigurtà nazzjonali – tant li l-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà u x-Xogħol stess offra r-riżenja tiegħu, u saħansitra l-Forzi Armati ta' Malta jinsabu bi Brigadier sospiż.
>
> Għalhekk qed inressaq din il-mozzjoni skont l-Ordni Permanenti 13 għall-Aġġornament tal-Kamra sabiex tiddiskuti din il-ħaġa definita ta' importanza pubblika urġenti kif għadni kif spjegajt.
>
> Sur President, qed ngħaddilek din id-dikjarazzjoni miktuba dwar is-suġġett li għandu jiġi diskuss skont kif għadni kif stqarrejt."

Fil-kunsiderazzjoni tagħha s-Sedja rreferiet ukoll għall-interventi li għamlu l-istess Kap tal-Oppożizzjoni kif ukoll il-Whip tal-Gvern.

Is-Sedja tirrileva li kull meta ġiet trattata talba taħt dan l-Ordni Permanenti, dejjem rat jekk tali talba tissodisfax tliet rekwiżiti u ċjoè jekk il-materja hijiex materja definita, ta' importanza pubblika u urġenti.

Is-Sedja tirrileva wkoll li minkejja li tagħraf li l-materja mqajma fid-dikjarazzjoni tal-Kap tal-Oppożizzjoni tagħti lok għal tħassib, hija tibqa' dejjem obbligata li tosserva l-Ordnijiet Permanenti li jirregolaw il-proċeduri tal-Kamra. Kif espress f'diversi rulings, hija m'għandhiex

triq oħra u ma tistax tiddipartixxi minn dan l-obbligu.

Is-Sedja tinnota li l-Onor. Naomi Cachia infurmat lill-Kamra illi f'dam l-istadju hemm diġà għaddejjin investigazzjoni kriminali mill-Pulizija, inkjesta maġisterjali, u wkoll inkjesta amministrattiva.

Nikkwota dak li kont għedt meta ntlabt nagħti deċiżjoni dwar talba għall-aġġornament tal-Kamra taħt l-Ordni Permanenti 13 fis-seduta 283 tas-26 ta' Novembru 2019, meta għedt dan li ġej:

> "Il-parir legali li għandha s-Sedja huwa li jekk tħalli d-diskussjoni fuq materja li hija *sotto* investigazzjoni u *sub judice*, tkun fil-fatt qed tagħti lok hija stess sabiex tinħoloq kriżi kostituzzjonali u istituzzjonali għaliex tkun qed tfixkel u tippreġudika l-andament ħieles tal-istess istituzzjonijiet, nirrepeti, *stante* li l-investigazzjoni għadha f'mument kritiku tant li mill-istess ruling tas-Sedja tal-bieraħ seħħew żviluppi importanti, u li kieku tħalla jsir id-dibattitu tal-bieraħ dan seta' faċilment jikkawża preġudizzju kemm fl-investigazzjoni, fil-proċess ġudizzjarju inkwerenti u wkoll fid-drittijiet preżenti u futuri tas-suspettati li sussegwentement jistgħu jiġu akkużati. Nirrepeti li dan kien il-bażi tal-argumentazzjoni ta' Speakers ta' qabli inkluż l-Ispeaker Louis Galea diġà kkwotat il-bieraħ."

Is-Sedja għamlet dawn l-istess argumenti fir-rulings dwar il-każ

Daphne Caruana Galizia fis-16 ta' Ġunju 2020, u dwar l-inkjesta dwar il-Vitals fis-6 ta' Mejju 2024.

Is-Sedja għalhekk tħoss illi dan huwa fattur importanti għax l-investigazzjonijiet li jistgħu jsegwu mill-*proces verbal* jinkludu li l-Pulizija tiddeċiedi jekk tkomplix tinvestiga jew takkuża persuni b'suspett serju li wettqu reat kriminali, u għalhekk kull dibattitu li jista' jsir fil-Kamra dwar l-istess rapport tal-inkjesta maġisterjali, u nikkwota kif diġà rrimarkajt f'diversi rulings oħra:

> "... jekk id-dibattitu jitħalla jsir f'dan l-istadju, m'għandha l-ebda garanzija li tista' tikkontrolla d-diskussjoni b'tali mod li ma tippreġudikax l-istess investigazzjoni u d-drittijiet tal-persuni kkonċernati fi proċess ġudizzjarju, dan kif ġie deċiż f'diversi sentenzi tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, biex jiġi żgurat id-dritt tas-smigħ xieraq fi proċess ġudizzjarju."

Mingħajr preġudizzju għal dan ir-ruling, peress illi l-Kamra ġiet infurmata li seduta *stante* ser issir Stqarrija Ministerjali fuq l-istess materja, is-Sedja *ex officio* f'dan l-istadju tiġbed l-attenzjoni li kemm mill-Prim Ministru fl-istqarrija tiegħu kif ukoll mill-membri fid-dibattitu jew domandi u risposti li jsegwu fil-ħin indikat għall-istess stqarrija, għandha tittieħed kull kawtela sabiex jiġu salvagwardati kull dritt kostituzzjonali tal-persuni li jkunu suġġett ta' investigazzjoni u/jew futuri suspettati, jew akkużati.

Għaldaqstant, u fiċ-ċirkostanzi indikati hawn fuq, is-Sedja ma tħossx li għandha tilqa' t-talba tal-Kap tal-Oppożizzjoni u għalhekk il-Kamra issa tkompli x-xogħol tagħha.

Stqarrijiet Ministerjali?